MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru. 825/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**PAUL SAID bin Coronato u Emanuela nee Cascum, imwieled nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Ottubru 1949 u residenti ‘Paul’s House’, Triq t-Telegrafu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 14149G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **PAUL SAID** bin Coronato u Emanuela nee Cascum, imwieled nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Ottubru 1949 u residenti ‘Paul’s House’, Triq t-Telegrafu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 14149G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ewwel ta’ Awissu 2006 ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta’ fil-

ghaxija fil-bajja tar-Ramla l-Hamra, limiti tax-Xaghra, Ghawdex;

1. ghamel attivita kummercjali minghajr licenzja ta' awtorita regolatorja [sessjoni Licenzji tal-Kummerc];

2. talli pogga deckchairs fuq art pubblika minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-okkorrenza relattiva u kopja tal-enforcement kif wkoll l-affidavits ta' PC 1005 Mario Cordina u ta' PS 676 Edelon Spiteri

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Doctor Joseph Grech bhala rappresentant tal-MTA kif wkoll lil Twanny Catania bhala rappresentant tal-Lands Department.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti, li ma gewx kontestati mill-imputat, l-imputat kienqed jikri deckchairs w umbrellel minn fuq truck bin-numru ta' registrazzjoni EBM 046. Dan jirrizulta miz-zewg affidavits ta' PC 1005 Mario Cordina u ta' PS 676 Edelon Spiteri. Jirrizulta wkoll li d-deckchairs kienu mpoggija fuq art pubblika minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti. Illi r-rappresentanti tal-MEPA, tal-MTA u tal-Lands Department lkoll xehdu f'din il-kawza fejn kollha qalu li l-imputat mhux licenzjat biex jaghmel dan x-xoghol.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 14(1) tal-Licenzji tal-Kummerc u l-artikolu 15(1) tal-Avviz Legali numru 128 tas-sena 2002 **tiddikjara li qed issib lil imputat PAUL SAID hati tal-akkuzi kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' sebghin [70] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------